MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Numru 894/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J FARRUGIA**

**VS**

**CARMEL SAMMUT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Sammut ta’ 57 sena, imwieled Birkirkara nhar il-5 ta’ April, 1947, bin il-mejta Lorenzo u Antonia nee’ Spiteri, u residenti fil-fond numru 26, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 346 847 (m);

Akkuzat talli nhar it-18 ta’ Ottubru, f’dawn il-Gzejjer, gewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja f'periklu car izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' haddiehor, ikkaguna offiza gravi b'arma regulari, inkella strument li jaqta' jew iniggez fuq il-persuna ta' Christian Cumbo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 337 283 (M), hekk kif iccertifika Dr Mark Gruppetta MD tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216, 217, u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha, u dan *ai termini* tal-Artikoli 338 (bb), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli ngurja u hedded b'mod li johrog mill-limit tal-provokazzjoni lil Christian Cumbo, Carmelo Cumbo, u lil Joseph Cumbo, u dan *ai termini* tal-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, u 218;
L-Artikolu 338(dd);
L-Artikoli 338(bb) u 342;
U kif ukoll l-Artikolu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti mhix qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Camel Sammut hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant qiegheda tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------